

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Pink Lady America LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 152, 30.4.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2019 – Roxtec vsEUIPO – Wallmax (Rappreżentazzjoni ta' kwadru iswed li jinkludi seba' ċrieki konċentriċi)

(Kawża T-261/18) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta kwadru iswed li jinkludi seba' ċrieki konċentriċi – Raġuni assoluta għal rifjut – Sinjal ikkostitwit esklużivament mill-forma ta' merkanzija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku – Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2019/C 423/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Roxtec AB (Karlskrona, l-Isvezja) (rappreżentanti: J. Olsson u J. Adamsson, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Ruzek u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Wallmax Srl (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: F. Ferrari u L. Goglia, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Jannar 2018 (Każ R 940/2017-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Wallmax u Roxtec.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Roxtec AB għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawġ sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).
- 3) Wallmax Srl għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 231, 2.7.2018.